**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-6 ta' Awwissu, 2024**

**Rikors numru: BCT/01/2024 CV**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)

Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.

Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Leroi Abela**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

*Illi l-esponenti gie notifikata b'ittra datata 20 ta' Dicembru 2023, fejn allegatament giet infurmata li fit-18 ta' Dicembru 2023, bi ksur ta' Legislazzjoni Sussidjaraja 623.08, kellu nuqqas ta xtiebi u/ jew xtiebi mhux imsakkra b'access miftugh ghall-pubbliku inkluz tfal, fejn l-Awtorita kienet qieghed timponi Penali Amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500.00) fuq l-esponenti.*

*Illi l-esponenti hassu aggravata minn din id-decizjoni, w ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-Appell tieghu quddiem it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Tribunal).*

*Illi flimkien ma dan l-appell qieghdin jigu annessi is-segwenti:*
*Dok. A- Kopja tad-decizjoni ta l-Awtorita li qieghda tigi appellata*

*L-appellant jissottometti ghall-kunsiderazzjoni tat-Tribunal is-segwenti:*

1. *Illi l-Ewwel Agravju, huwa fis-sens li l-akkuza mressqa fil-konfront tal-esponenti ma hijiex cara billi li tindika zewgt indirizzi ta' fejn allegatament sehhet in-nuqqas in kwistjoni u dan stante li fl-avvizz hemm indikat kemm 14, Triq Censu Borg, Hamrun u kemm 13, Triq F.W. Ryan, Naxxar;*
   *Illi gia la darba li hemm din in-nuqqas ta' kjarezza fl-akkuza mressqa, fl-ewwel lok qieghed jigi sottomess li tali akkuza ghandha titqies bhala nulla u minghajr ebda effett fil-ligi u fit-tieni lok hija dubjuza, f'liema kaz, kull dubju ghandu jimmilita a favur tal appellant u zgur mhux a favur tal-Awtorita;*

2. *Illi t-Tieni Aggravju huwa fis-sens li l-ksur allegat mill-Awtorita, ma jifformax parti mas-sit in kwistjoni stante li s-sit tal-appellanti huwa imdawwar bix-xtiebi skond kif rikjest mill-ligi u l-allegat nuqqas possibilment huwa fuq il-bankini pubblici li fil gurnata in kwistjoni, u fil-grantet ta qabel u anke ta wara kienu suggetti ghall-xoghol ta' tiswijiet u tisbiegh fuqhom, w ghalhekk dan il-ksur allegat ma huwiex htija tal appellanti;*
3. *Illi fit-tielet lok, l-appellanti dejjem aderixxa ruhu ma dak kollu rikjest u dejjem halla f'idejn il-professjonisti minnu inkarigati sabiex jissottomettu u jidderiguh f'dan li kien rikjest mill-ligi li jsir;*

   *Illi hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellant dejjem mexa u aderixxa mad-dispozizzjonijiet tal-ligi;*

   *Ghaldaqstant l-appellant qieghed jitlob li dan it-Tribunal jilqa dan l-umli appell tieghu filwaqt li jirrevoka u jikkancella l-penali amministrattiva li giet imposta fuq l-appellanti.*

   *Bir-rispett,*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qiegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi rigwardanti l-indirizz, u dubju li jista' jeżisti dan ma jsibx konfort legali stante li jidher ċar li l-infrazzjoni saret fis-sit 13, Triq F.W. Ryan, Naxxar, hekk kif jidher mid-dokument tal-penali mibgħuta mil-Awtorita';*

3. *Illi l-Awtoirta' appellata tikkontendi li l-infrazzjoni fejn si tratta l-akkuża proposta tirriżulta min diversi postijiet, hekk kif jidher mil-anessi ritratti immarkati min Dok A1 sa Dok A4;*

4. *Illi durante l-appell, l-uffiċjali tal-Awtorita' ser jkunu qegħdin jipprovdu aktar dettal rigward il-penali;*

5. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Din it-tilwima tikkonċerna imposizzjoni ta' penali amministrattiva mill-Awtorita' intimata fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) minħabba '*Nuqqas ta' xtiebi u/jew xtiebi mhux msakkra b'aċċess miftuħ għall-pubbliku inkluż tfal'*.

It-Tribunal jinnota l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant u ċioe li l-ordni tal-Awtorita' mertu l-appell in kwistjoni hija nieqsa mill-kjarezza neċċessarja sabiex tindika s-sit fejn seħħet din l-infrazzjoni. It-Tribunal wara li ra l-avviż in kwistjoni ma jarax li dan id-dubju jeżisti u dan stante li huwa evidenti li l-avviż qed jagħmel referenza għas-sit li jġib l-isem 13, Triq F.W. Ryan, Naxxar. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Awtorita' intimata fir-risposta tagħha u mix-xhud prinċipali tagħha, Ronald Scicluna. Għaldaqstant it-Tribunal qed jiċħad l-ewwel aggravju fl-intier tiegħu.

Fil-mertu t-Tribunal jinnota li l-bażi tal-multa in kwistjoni provdiha l-ispettur tal-Awtorita', Ronald Scicluna. Huwa kkonferma li kien mar fuq is-sit u nnota numru ta' nuqqasijiet rigward l-aċċess għas-sit in kwistjoni fosthom fencing maqlugħ, ħitan ta' filata u sit miftuħa għall-pubbliku bil-perikli li dan jista' jġib miegħu. In sostenn ta' dan l-Awtorita' preżentat numru ta' ritratti li ġew meħuda mill-istess Ronald Scicluna. Dan jikkonfermah hu fix-xhieda tiegħu. It-Tribunal segwa s-sottomissjoni magħmula mill-konsulent legali tal-appellant fejn ġie rilevat li r-ritratti preżentati jirreferu għas-17 ta' Diċembru, 2023, mentri li l-avviż ta' infurzar jirreferi għal data wara u ċioe għal nhar it-18 ta' Diċembru, 2023. It-Tribunal jinnota li x-xhud Ronald Sciculna fl-ebda punt ma kjarifika dan il-punt jew ikkonferma d-data tar-ritratti. In vista ta' dan it-Tribunal ma huwiex ser ikun qed jieħu in konsiderazzjoni r-ritratti in kwistjoni stante li dawn kollha jirreferu għal data li hija differenti minn dik indikata fl-avviż ta' infurzar.

It-Tribunal jinnota li huwa minnu li ma ġiex preżentat ritratt wieħed li juri l-kundizzjoni tas-sit u tax-xtiebi in kwistjoni dakinhar tat-18 ta' Diċembru, 2023 – id-data indikata fl-avviż tal-Awtorita' intimata. In vista' ta' dan it-Tribunal iqis li l-aħjar prova li hija mistennija li tiġi miġjuba mill-Awtorita' ma nġabitx. Prova dokumentarja jew viżiva hija neċessarja sabiex it-Tribunal ikun jista' jikkonferma penali amministrattiva ta' din in-natura liema prova f'dan il-każ ma tressqitx. Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tas-suespost ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell in kwistjoni.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar l-20 ta' Diċembru, 2023.

********** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL**********

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |